MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 484/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**CHARMAINE VELLA**
**(ID Nru.: 525290M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 484/2015**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Charmaine Vella, detentrici tal-karta tal-identita` numru 525290 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar id-disgha (9) ta` Gunju, 2015, u fix-xhur ta` qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettiet serq ta` *pocket* tal-gilda iswed li kien fih *cheque book* tal Bank of Valletta bin-numru 40018562613 f'isem Diane Calleja – Nero Fashion Outlets, disa` mija u tletin ewro (€930) fi flus kontanti, karti tal-bank, ricevuti tal-imsemmi hanut kif ukoll *photocopy* tal-Karta tal-Identita` ta` Diane Calleja minn gewwa Nero, Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta` Settembru, Naxxar, liema serq hu aggravat bil-valur;
2. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghmlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta` Klikk Computer Store fi Triq Dun Karm, Birkirkara, u ta` Diane Calleja – Nero Fashion Outlets, meta kkommettiet frodi ta` *cheque* tal-BOV bin-numru 0017832238940018562613, li jammonta ghal seba` mija disgha u ghoxrin ewro (€720);

3. U aktar talli kkommettiet serq ta` Iphone 6 Gold li jammonta ghal seba` mija tlieta u tmenin ewro u disghin centezmu tal-ewro (€783.90) minn gewwa Scan Computers fi Triq Dun Karm, Birkirkara, liema serq aggravat bil-valur;

4. U aktar talli rrendiet ruhha recidiva b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

5. U aktar talli kkommettiet serq ta` *laptop* tal-ghamla DELL, ghad-detriment ta` Helga Tonna, detentrici tal-Karta tal-Identita` bin-numru 103970M, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, ta` aktar minn mitejn tlieta u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda anqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37);

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja

kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta` Total Mobile fi Triq in-Naxxar, San Gwann, u ta` Diane Calleja – Nero Fashion Outlets, meta kkommettiet frodi ta` *cheque* tal-BOV bin-numru 0017882238940018562613, li jammonta ghal sitt mija disgha u disghin ewro (€699);

7. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta` SCAN Centre (PC Options Ltd.) fi Triq Dun Karm, B'Kara Bypass, B'Kara u ta` Diane Calleja – Nero Fashion Outlets, meta kkommettiet frodi ta` *cheque* tal-BOV bin-numru 0017872238940018562613, li jammonta ghal tmien mija disgha u tletin ewro (€839);

**8.** U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta` Ultimate fi Triq Bisazza, Sliema, u ta` Diane Calleja – Nero Fashion Outlets, meta kkommettiet frodi ta` *cheque* tal-BOV bin-numru 0017822238940018562613, li jammonta ghal tmien mija disgha u erbghin ewro (€849).

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 267, 308, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputata hatja kif hija akkuzata.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet specjalment ta` Dr. Peter Fenech li jaf personalment lill-imputata ghal zmien twil u spjega lill-Qorti li nonostante li l-imputata hija mara edukata u struwita, hija ghandha problema kbira ta` droga. Huwa tal-fehma li l-imputata ghandha tigi sottoposta ghal programm intensiv.

**Ghal dawn il-motivi:**

Din il-Qorti qiedgha tikkundanna lill-istess imputata ghal perjodu ta` imprigurament effettiv ghal zmien sena (1) mil-llum bl-intediment car illi qed issir rakomandazzjoni qawwija lid-Direttur tal-Habs sabiex minnufih l-imputata titpogga taht kura immedjata fil-habs u meta jkun il-waqt tigi ammessa ghal programm.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------